**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**-Vs-**

**JOSEF SEYCHELL**

**Illum 3 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

**Rat illi JOSEF SEYCHELL ta' 27 sena, iben Adrian u Michelle nee` Massa imwieled il-Pieta' nhar it-03 ta' Lulju 1993, u resident ġewwa 48 Flat 1 Triq San Mark, il-Belt Valletta, Malta. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0293493(M), kien tressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-13 ta' Mejju 2021 ghall-habta tal-17:00hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer:-**

1. Ikkommeta serq ta' mobile phone u/jew affarijiet oħra, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema valur huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma huwiex aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu tat-*Lourdes Bianchi* u/jew persuni jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi huwa akkużat talli b'hekk sar reċediv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi permezz ta' sentenza datata 14 ta' Lulju 2021 fuq ammissjoni filwaqt li sabet lil Josef Seychell ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poġġietu taħt Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin.

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 mill-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia li ġie nominat biex isegwi lil Josef Seychell taħt l-Ordni ta' Probation fejn ġiet reġistrata denunzja fil-konfront tal-istess *probationer* stante illi huwa naqas milli jipprovdi indirizz u naqas ukoll milli jżomm komunikazzjoni mal-Uffiċjal tal-Probation. L-Uffiċjal tal-Probation iddikjara illi Josef Seychell għandu problema ta' abbuż ta' droga u minħabba dan l-abbuż qed ikun ta' riskju għalih innifsu u għal saħħtu kif ukoll perikolu għas-soċjeta' għaliex jista' jikkommetti xi reat. Iddikjara wkoll illi minkejja li saru tentattivi għall-pjan ta' kura, il-*probationer* kien dejjem inkonsistenti u l-istil ta' ħajja tiegħu baqgħet kaotika u fl-aħħar pjan ta' kura li ġie imħejji għalih mill-professjonisti li kellu jwassal biex huwa jikkommetti ruħu għal programm residenzjali biex jegħleb il-vizzju tad-droga, Josef Seychell telaq minn dan il-programm minn jeddu wara biss erbat ijiem u m'hu qed juri l-ebda motivazzjoni sabiex ibiddel ħajtu.

Rat illi dan ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għall-1 ta' Ġunju 2022 ;

Rat ir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia tal-21 ta' Ġunju 2022 u semgħet ix-xhieda tal-istess Uffiċjal tal-Probation fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2022;

Semgħet ukoll ix-xhieda tas-social worker fi ħdan l-Isptar Monte Carmeli, Miriam Agius, ukoll fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2022;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2022 li qablu li r-Rikors jista' jitħalla għad-deċiżjoni dwar id-denunzja;

Rat illi r-Rikors ġie mħolli għal-lum biex jiġi deċiż;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda li xehdu quddiemha u mir-rapporti ppreżentati fl-atti għall-fini tad-denunzja u fehmet illi l-*probationer* għandu problema akuta tad-droga. Waqt li kien qed jirrisjedi bħala pazzjent fuq bażi volontarju ġewwa l-Isptar Monte Carmeli tħejjielu pjan ta' kura li kien jesiġi perijodu ta' preparament biex eventwalment jidħol f'programm residenzjali mal-Caritas ġewwa San Blas, huwa ddeċieda li jitlaq mill-programm wara biss ftit ġranet. In segwitu falla diversi appuntamenti li kellu u mit-testijiet li sarulu huwa rriżulta pożittiv għall-eroina u kokaina. Din is-sitwazzjoni hija waħda gravi ħafna u l-Uffiċjal tal-Probation esprima t-tħassib tiegħu li l-*probationer* jista' jkun ta' perikolu, oltre għas-soċjeta' u għall-familja tiegħu, għalih innifsu u dan għaliex fil-passat kien għamel tentattiv ta' suwiċidju.

Miriam Agius, is-social worker li ssegwi lil Josef Seychell ġewwa l-Isptar Monte Carmeli xehdet illi huwa ma jridx jagħmel programm residenzjali biex jegħleb il-vizzju tad-droga. Ikkonfermat illi għalkemm m'għandux problemi mentali serji, Josef Seychell huwa persuna vulnerabbli minħabba d-dipendenza akuta li għandu fuq id-droga kif ukoll minħabba l-fatt illi m'għandux saqaf fuq rasu. Skont Miriam Agius l-unika triq vijabbli għall-*probationer* f'dawn iċ-ċirkostanzi hija li jerġa' jidħol f'programm residenzjali għal perijodu ta' xejn inqas minn sena u jtemmu b'suċċess.

Fir-rigward, hija rakkomandat il-programm li toffri l-Aġenzija Sedqa peress li dan huwa għal perijodu ta' sena.

Il-Qorti fil-qies ta' dan kollu hija tal-fehma illi għalkemm il-*probationer* m'għandux ir-rieda li jagħmel programm residenzjali, dan il-programm residenzjali huwa l-unika għażla li hija disponibbli fiċ-ċirkostanzi biex tiġi evitata sitwazzjoni – li bħalissa jidher li hija inevitabbli – fejn huwa jagħmel ħsara irreparabbli lilu innifsu u jipperikola wkoll lis-soċjeta'. Il-*probationer* irid jirrejalizza u jaċċetta li m'għandux għażla oħra għaliex mingħajr l-għajnuna li l-istituzzjonijiet, is-soċjeta' kif ukoll il-Qorti nnifisha, iridu jagħtuh biex jerġa' jieħu r-riedni ta' ħajtu f'idejh, m'hu ser jifdal l-ebda prospett ta' eżitu feliċi għal ħadd. Għalhekk, ġaladarba huwa mhux dispost li jagħmel il-pass minn jeddu biex jidħol f'programm residenzjali, il-Qorti tqis li m'hemmx triq oħra biex tassikura li l-*probationer* ma jibqax ta' perikolu lilu nnifsu u lil ħaddieħor u li jiġi prevenut l-egħmil ta' reati oħrajn, għajr li jiġi ordnat li jidħol u jtemm b'suċċess programm residenzjali għall-kura tad-dipendenza tiegħu fuq id-droga u dan bħala parti mill-ħtiġiet espressi li l-*probationer* għandu jikkonforma ruħu magħhom taħt l-Ordni tal-Probation.

**Għaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Probation, u billi l-Qorti hija sodisfatta li l-*probationer* huwa mogħti għad-droga u skont kif jirriżulta mix-xhieda, jistgħu jsiru l-arranġamenti adatti għall-kura tiegħu permezz ta' programm residenzjali li toffri l-Aġenzija Sedqa, qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-Uffiċjal tal-Probation tas-17 ta' Mejju 2022 billi tordna li l-Ordni ta' Probation maħruġ fl-14 ta' Lulju 2021 jiġi emendat biex jinkludi bħala kundizzjoni:-**

- **il-ħtieġa li l-*probationer* biex jeħles mill-vizzju tad-droga, jagħmel kura konsistenti f'programm ta' rijabilitazzjoni u dan billi minnufih jirrisjedi f'istituzzjoni mmexxija mill-Aġenzija Sedqa għal perijodu kontinwu u mhux interrott ta' mhux inqas minn tnax-il xahar; u**

- **jieħu wkoll kull kura jew trattament ieħor u joqgħod għad-direttivi kollha, li jistgħu jagħtuh l-Aġenzija jew persuni oħrajn li l-*probationer* jiġi riferut lilhom.**

**Għall-bqija tikkonferma *in toto* l-kundizzjonijiet l-oħra inklużi fl-Ordni ta' Probation maħruġ fil-konfront ta' Josef Seychell fl-14 ta' Lulju 2021.**

**Il-Qorti tagħmilha ċar li n-nuqqas f'kull żmien tal-*probationer* li jikkonforma ruħu ma' din il-kundizzjoni ikun ifisser li fuq denunzja tal-Uffiċjal tal-Probation, hija tgħaddi minnufih biex tieħu l-provvedimenti kollha opportuni fosthom okkorrendo li tħassar l-Ordni tal-Probation u teroga l-piena skont il-liġi għar-reati li huwa nstab ħati tagħhom bis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021.**

**Il-Qorti tordna illi din id-deċiżjoni kif ukoll l-Ordni ta' Probation kif emendat, jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**